# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020**

**Numru 6**

**Rikors numru 16/17 LM**

**Miguel Degiorgio**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat u Diana Degiorgio**

**Il-Qorti:**

1. Fl-24 ta' Marzu 2017 ir-rikorrent ippreżenta kawża kostituzzjonali fejn talab lill-ewwel Qorti sabiex:

> *"i) tiddikjara illi fil-każ preżenti tal-esponent, l-applikazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont li dan effettivament jikkontempla detenzjoni/priġunerija minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dejn ċivili, jilledi d-dritt fundamentali tal-esponent fosthom l-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u/jew l-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu korrispettiv fil-Kostituzzjoni ta' Malta ċioe l-artikolu 34(1)(d);*

> *"ii) tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara illi l-piena inflitta f'każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandhiex tinkludi detenzjoni/priġunerija meta jirriżulta kjarament li l-akkużat ikun finanzjarjament fl-impossibilta' li jħallas u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni".*

2. L-ilment tar-rikorrent hu li l-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) jikser id-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 4 tal-Konvenzjoni, l-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Isostni li l-flus li ġie ordnat iħallas fil-proċeduri kriminali, huma dejn ċivili. Żied li m'għandux il-mezzi finanzjarji sabiex iħallas l-ammonti li qiegħda tippretendi martu.

3. L-intimati kkontestaw it-talbiet tar-rikorrent.

4. B'sentenza tat-30 ta' Ottubru 2019 il-Prim'Awla ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent.

5. B'rikors preżentat fid-19 ta' Novembru 2019, ir-rikorrent appella mis-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti u tilqa' t-talbiet li għamel fir-rikors promotur.

6. L-intimati wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

7. Il-fatti l-iktar rilevanti huma:-

i. **B'digriet mogħti fit-2 ta' Diċembru 2013**, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ordnat lir-rikorrent sabiex iħallas is-somma ta' €700 bħala manteniment għal uliedu D u D flimkien ma' (i) 2/3 tal-kontijiet tad-dawl u ilma tad-dar taż-żwieġ; (ii) miżati tal-iskola; u (iii) €407.33 fix-xahar pagament dovut lill-bank għas-self li kienu ħadu;

ii. **B'digriet ieħor tat-30 ta' Marzu 2015**, l-istess Qorti ordnat lir-rikorrent sabiex iħallas mateniment ta' €990 kull xahar, li minnhom €290 arretrati tal-kontijiet tad-dawl u ilma (ara rikors tal-10 ta' Marzu 2015 a fol. 210 u digriet a fol. 213);

iii. **B'digriet tad-9 ta' Novembru 2015**, l-istess Qorti ordnat lir-rikorrent sabiex iħallas is-somma ta' €5,000 miżati u spejjeż tal-iskola li kien għad ma ħallasx.

iv. **B'digriet tas-26 ta' Awwissu 2016**, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ordnat lir-rikorrent sabiex iħallas €700 manteniment fix-xahar għat-tfal, filwaqt li martu tħallas il-kontijiet tad-dawl u ilma tad-dar u jinqasmu bejn il-ġenituri l-ispejjeż tal-edukazzjoni u ħlas tad-dejn mal-bank.

v. Ittieħdu proċeduri kriminali kontra r-rikorrent minħabba li naqas milli jwettaq l-ordnijiet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). B'kollox erba' kawżi kriminali li fihom ġie akkużat bi ksur tad-digrieti tat-30 ta' Marzu 2015 u 9 ta' Novembru 2015.

vi. **Fl-ewwel każ** l-akkuża kienet li f'Ottubru, Novembru u Diċembru 2015 ir-rikorrent naqas milli jħallas il-manteniment għal uliedu fl-ammont ta' €990. L-ilment kien li ma ħallasx €290 kull xahar skont id-digriet tat-30 ta' Marzu 2015 u b'zieda ma' dak tat-2 ta' Diċembru 2013. F'dan il-każ ir-rikorrent ammetta l-akkuża, iżda appella.

vii. **Fit-tieni każ** l-akkuża kienet li bejn id-9 ta' Novembru 2015 u l-11 ta' Jannar 2016 ma' ħallasx il-manteniment, u cioe` miżati dovuti lil San Anton School fl-ammont ta' €5,000. Ir-rikorrent instab ħati u ġie kkunndannat xahrejn detenzjoni, u appella mis-sentenza.

viii. **Fit-tielet każ** l-akkuża kienet li matul Jannar sa Marzu 2016 ma ħallas il-manteniment, u cioe` €290 kull xahar mis-somma ta' €990 dovuta kull xahar skont id-digriet tat-30 ta' Marzu 2015. B'sentenza tal-14 ta' Novembru 2016 ir-rikorrent instab ħati u l-Qorti ikkundannatu xahar priġunerija sospiżi għal sena u ordnatlu jħallas €870 fi żmien tliet xhur.

ix. **Fir-raba' każ** l-akkuża kienet bħat-tielet każ iżda għax-xhur Ġunju sas-26 ta' Awwissu 2016. B'sentenza tal-14 ta' Novembru 2016 ir-rikorrent instab ħati u l-Qorti kkundannatu xahar priġunerija sospiżi għal sena u ordnatlu jħallas €870 fi żmien tliet xhur. B'sentenza tal-14 ta' Novembru 2016 ir-rikorrent instab ħati u l-Qorti ikkundannatu xahar priġunerija sospiżi għal sena u ordnatlu jħallas €870 fi żmien tliet xhur.

x. Mill-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra r-rikorrent jidher li l-ammont dovut minnu hu ta' €7610.

xi. F’kull każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrent ħati tal-akkużi. F’waħda mis-sentenzi (18 ta’ April 2016), ir-rikorrent instab ħati li kiser id-digriet tad-9 ta’ Novembru 2015 u l-Qorti kkundannatu għal xahrejn detenzjoni. Fl-oħrajn kien kundanna għal detenzjoni għal xahar sospiżi għal sena jew sentejn.

xii. Ir-rikorrent appella mis-sentenzi kollha u għadhom *sub judice* minħabba din il-kawża.

8. Fir-rikors tal-appell l-aggravju tar-rikorrent ġie spjegat hekk:-

> *“Illi bid-dovut rigward l-esponent hawn appellant jilmenta mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-prim’istanza mhux għaliex din kienet b’xi mod karenti jew żbaljata fl-esposizzjoni tal-prinċipji legali relevanti iżda għaliex fl-umli fehma tal-esponent, dawn ma ġewx applikati korrettament għall-każ partikolari in eżami u b’hekk il-konklużjoni milħuqa mill-istess Qorti kienet bid-dovut rigward dik żbaljata.*
>
> *“L-esponent jispjega illi permezz tal-azzjoni minnu promossa dak li huwa kien qed jilmenta minnu ma kinitx l-effikaċja u/jew l-applikabilita’ tal-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta b’mod universali jew ġenerali, iżda il-mod kif ġie dan l-artikolu reż applikabbli kontra l-esponent permezz tal-manuvri legali (spjegati fir-rikors promotur) f’dan il-każ partikolari tiegħu.*
>
> *“Illi sabiex jikkjarifika l-lanjanza tiegħu l-esponent jispjega illi d-digrieti tal-Qorti tal-Familja li kienu jiffurmaw il-bażi tal-azzjonijiet penali li waslu għall-kundanni ta’ piena karċerarji kienu kamufament u/jew simulazzjoni ta’ digrieti ta’ manteniment mentri fil-fatt dawn hekk ma kinux. Kif jirriżulta wisq kjarament dak li seħħ jew aħjar li ġie permess illi jseħħ kien illi obbligazzjonijiet ċivili versu terzi li ma kinux qed jiġi onorati u ġew b’mod artifiċjali għall-aħħar inkorporati bħala manteniment dovut lill-parti l-oħra fil-proċeduri ta’ separazzjoni in diżamina. Bażikament dan kollu kien sempliċement eżerċizzju ta’ nomenklatura fejn obbligazzjoni ċivili favur terzi ġiet mogħtija l-isem manteniment meta fis-sustanza din ma kinitx hekk sabiex hekk mart l-espnoent tkun issa intitolata illi tazzjonah kriminalment għal xi ħaġa illi qabel ma setgħetx. Huwa għalhekk u għalhekk biss illi l-esponent ilmenta illi f’dawn il-kwadru ta’ fatti u ċirkostanzi partikolari u f’dan il-kwadru biss illi l-applikazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, kienet leżiva tad-drittijiet tal-esponent”.*

9. Fis-sentenza l-ewwel Qorti irraġunat:-

*"Il-Qorti tirrileva li mill-qari tal-artikolu 3B u tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta, jirriżulta li l-ġenituri għandhom obbligu li jieħdu ħsieb jipprovdu għall-edukazzjoni ta' wliedhom. L-artikolu 19 tal-Kapitolu 16 jipprovdi wkoll li mal-manteniment hemm inkluż l-ispejjeż għall-abitazzjoni u għall-edukazzjoni tal-ulied, b'tali mod li jista' jintqal li l-ħlasijiet tal-miżati tal- iskola huma wkoll parti mill-manteniment li ġenitur huwa obbligat li jħallas.*

*"Il-Qorti tqis li l-obbligazzjoni li naqas li jwettaq ir-rikorrent kienet waħda imposta minn Qorti u tikkostitwixxi ksur ta' ordni tal-Qorti, u mhux waħda ġejja minn kuntratt, u għalhekk l-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll tal- Konvenzjoni mhux applikabbli għaċ-ċirkostanzi odjerni. Il-Qorti tagħmel riferiment għall-kummentarju tal-awtur William A. Schabas fil-ktieb tiegħu The European Convention on Human Rights: A Commentary, fejn l-awtur kiteb:*

> *"In 1958, when the Legal Committee of the Consultative Assembly began consideration of an additional protocol, the list of rights that might be included began with freedom from imprisonment on the ground of inability to fulfil a contractual obligation. As the Preliminary Report of the Committee noted, it was already included in the draft United Nations Covenant. The rapporteur, Hermod Lannung, argued that the text would strengthen the provisions of article 5 of the Convention. He explained that the provision would only apply to contractual obligations and not to all civil debts, nor to cases of fraudulent non-performance. Accordingly, it would cover 'neither public obligations (fiscal, military, etc.) nor civil obligations imposed by statute or court order (ex. Maintenance obligations of parents or spouses, whether divorced or not, a judgment debt for damages, etc)."*

*"Tqis għalhekk li l-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll ma kienx maħsub biex jinkludi fl-ambitu tiegħu obbligazzjonijiet bħall-ħlas ta' manteniment, u lanqas ma kien maħsub biex jipproteġi lil individwu minn piena karċerarja f'każ li dan jonqos li jottempera ruħu ma' ordni tal-Qorti. Dan il-ħsieb ġie kkristallizzat f'deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet R.R. v. Italy (no. 42191/02) tat-2 ta' Diċembru, 2004, li kkonkludiet li l-Ewwel Artikolu tar- Raba' Protokoll ma japplikax f'każ fejn individwu jinżamm detenut minħabba li jonqos milli jħallas l-manteniment għall-familja tiegħu. L-azzjoni tar-rikorrent kif proposta, u li permezz tagħha qiegħed jitlob il-Qorti tiddikjara li l-applikazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem sanċiti bl-Ewwel Artikolu tar-Raba' Protokoll, għandha għalhekk tiġi miċħuda kemm għax kwistjonijiet marbuta mal-manteniment tal-familja ma jaqgħux taħt l-iskop tal-Ewwel Artikolu tar- Raba' Protokoll, kif ukoll għax jirriżulta li r-rikorrent qiegħed jiffaċċja piena ta' ħabs proprju għax naqas milli jottempera ruħu ma' ordni tal-Qorti.*

*"Il-Qorti tqis li assolutament mhux kompitu tagħha tiddeċiedi jekk ir-rikorrent għandux il-mezzi jew hux fl-impossibilità finanzjarja li jlaħħaq mal-obbligi tiegħu. Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li sa ftit qabel telaq mid- dar matrimonjali, ir-rikorrent kellu l-mezzi biex jgħajjex il-familja tiegħu u jżommha tajjeb, tant hu hekk li mill-introjtu tiegħu dan kien iħallas l-ispejjeż kollha tal-familja, inkluż il-ħlas tal-miżati ta' żewġt itfal fi skejjel privati, imma mill-mument li huwa telaq mid-dar, mingħajr ma daħal fi spejjeż addizzjonali ta' kera ta' proprjetà, dan sab ruħu f'dawn id-diffikultajiet finanzjarji li minħabba fihom naqas milli jimxi mal-ordnijiet tal-Qorti.*

*"Il-Qorti kkonsidrat ukoll dak li qal ir-rikorrent fil-kontroeżami li sarlu fit-30 ta' Jannar, 2019, meta b'dak li qal innewtralizza l-impossibilità li jħallas li huwa dejjem sostna li qiegħed fiha, meta qal li dan il-bilanċ ta' ftit aktar minn sebat elef Euro mhux xi ħaġa li ma tistax titħallas, anki jekk b'ħafna sagrifiċċji. Il- Qorti qieset għalhekk li jekk ir-rikorrent jingħata piena effettiva ta' ħabs, dan ikun minħabba li huwa għażel it-triq li ma josservax l-ordni tal-Qorti, u mhux għax huwa jinsab fl-impossibilità li jħallas.*

*"Il-Qorti kkonsidrat li r-rikorrent qiegħed jilmenta wkoll minn ksur tad-drittijiet tiegħu kif protetti bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 5(1)(b) tal- Konvenzjoni Ewropea rigward il-ħarsien tal-libertà tal-persuna. Madanakollu kemm l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 5 tal-*

*"Konvenzjoni Ewropea, it-tnejn jagħmluha ċara li l-arrest jew id-detenzjoni ta' persuna hija permissibbli f'każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' ordni tal-Qorti jew fin- nuqqas tal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' Qorti. Il-Qrati għalhekk għandhom is- setgħa, li f'każ li persuna tonqos li tosserva ordni leġittima mogħtija minnhom taħt xi dispożizzjoni tal-liġi, jordnaw li dik il-persuna tibqa' detenuta. Fil-każ odjern, ir-rikorrent instab ħati tal-kontravvenzjoni komminata bl-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ li dan jintbagħat il-ħabs, dan ser ikun bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti Kriminali li tkun sabitu ħati ta' ksur tal-imsemmi artikolu tal-Kodiċi Kriminali, u mhux għaliex fil-konfront tiegħu ġiet eżerċitata xi forma ta' arbitrarjetà li wasslet biex ir-rikorrent jiċċaħħad mil-libertà personali tiegħu, kif ġie allegat minnu.*

*"In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti mhix sejra tilqa' t-talbiet tar- rikorrent".*

10. Wara s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrent illimita l-ilment tiegħu għal fatt li d-digrieti li wasslu sabiex jittieħdu proċeduri kriminali kontrih, fir-realta' mhumiex digrieti ta'

manteniment iżda sempliċement obbligazzjonijiet ċivili. L-aggravju tar-rikorrent jistona ferm mat-talba li għamel fir-rikors tal-appell, cioe`:

> *"i) Tiddikjara illi fil-każ preżenti tal-esponent, l-applikazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont li dan effettivament jikkontempla detenzjoni/priġunerija minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dejn ċivili, jilledi d-dritt fundamentali tal-esponent fosthom l-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u/jew artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu korrispettiv fil-Kostituzzjoni ta' Malta ċioe' l-artikolu 34(1)(d);*
>
> *"ii) Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara illi l-piena inflitta f'każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandhiex tinkludi detenzjoni/priġunerija meta jirriżulta kjarament li l-akkużat ikun finanzjarjament fl-impossibilita' li jħallas u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni".*

11. Talba li hi identika għal dik li għamel fir-rikors promotur u fejn qiegħed jimpunja l-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali.

12. Jibda biex jingħad li skont l-Artikolu 1 tal-protokoll numru 4 tal-Konvenzjoni:-

> *"No one shall be deprived of his liberty merely on the ground of inability to fulfil a contractual obligation".*

13. Fis-sentenza **R.R. v. Italie** (42191/02) tat-2 ta' Diċembru 2004, il-QEDB qalet:

> *"2. Le requérant estime avoir été condamné à une peine d'emprisonnement pour dettes, ce qui serait contraire à l'article 1 du Protocole no 4, ainsi libellé :*
>
> *«Nul ne peut être privé de sa liberté pour la seule raison qu'il n'est pas en mesure d'exécuter une obligation contractuelle.»*

*"Le requérant allègue avoir démontré qu'il ne pouvait pas payer les sommes réclamées par Mme L.*

*"La Cour observe que le requérant n'a pas été condamné pour ne pas avoir pu exécuter une obligation contractuelle, mais pour avoir violé ses devoirs d'assistance familiale, ayant quitté la demeure conjugale et ayant privé de moyens de subsistance sa femme et ses enfants".*

14. Il-każijiet tar-rikorrent huma relatati ma' ordnijiet ta' Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex iħallas manteniment għal uliedu. Għalhekk mhumiex obbligazzjonijiet kuntrattwali.

15. Ir-referenza għall-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni kienu wkoll mingħajr bażi għaliex il-kundanna tar-rikorrent saret wara proċessi ġudizzjarji li saru quddiem il-Qort tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li issa huma soġġetti għall-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

*"The first limb authorizes detention for non-compliance with the lawful order of a court. This could mean, inter alia, arrest to secure attendance in court following a failure to comply with a summons, or imprisonment for failure to pay a fine or to comply with an injuctino or a child custody or maintenance order".*[1]

16. Pero` mill-uniku aggravju, hu evidenti li r-rikorrent jaċċetta li ordni ta' Qorti sabiex jitħallas manteniment ma jaqax taħt l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 4 tal-Konvenzjoni. Lanqas mhu jikkontesta li s-sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura

[1] Jacobs, Whitey & Ovey: *The European Convention on Human Rights* (Oxford, Ħames Edizzjoni), paġna 227.

Kriminali jiksru l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni.

17. Dan apparti li f'kull każ wieħed ma jistax jeżamina l-Artikolu 338(z) b'mod iżolat mingħajr ma jikkonsidra ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.

18. Fl-aggravju tar-rikors tal-appell ir-rikorrent qiegħed biss jargumenta li l-proċeduri kriminali mhumiex jolqtu l-manteniment tal-familja tiegħu iżda huma biss, *"obbligazzjonijiet ċivili versu terzi li ma kinux qed jiġu onorati u ġew b'mod artifiċjali għall-aħħar inkorporati bħala manteniment dovut lill-parti l-oħra fil-proċeduri ta separazzjoni in diżamina"*.

19. L-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li persuna hi ħatja ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku:-

> *"Meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma".*

20. Issa hu fil-kawża ta' separazzjoni li suppost jiġi determinat jekk il-manteniment jinkludix ħlasijiet relatati ma' edukazzjoni tat-tfal u spejjeż relatati ma' konsum ta' dawl u ilma. Evidenti li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ikkonsidrat li l-ispejjeż tal-iskola u konsum ta' dawl u ilma huma inklużi fil-manteniment għat-tfal. Fil-fatt bid-digriet:-

i. Tat-30 ta' Marzu 2015 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) żiedet il-manteniment minn €700 għal €990 sabiex jinkludi fih ħlas ta' kontijiet ta' konsum ta' dawl u ilma (fol. 38-40); u

ii. Tad-9 ta' Novembru 2015 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) laqgħet it-talba tal-intimata sabiex ir-rikorrent iħallas is-somma ta' €5,000 bħala manteniment li jikkonsisti fi ħlas ta' miżati tal-iskola (fol. 49-51);

21. Wieħed irid jiftakar li skont l-Artikolu 19 tal-Kodiċi Ċivili:-

> *"(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*
>
> *(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom"*.

22. Il-ħlas, jekk hu dovut, hu ta' manteniment ordnat mill-Qorti permezz tal-imsemmija digrieti. Miżati tal-iskola huma parti mill-ispejjeż tal-edukazzjoni, filwaqt li kontijiet relatati mal-konsum ta' dawl u ilma huma aċċessorji għall-abitazzjoni li jissemma f'subartikolu (1) tal-Artikolu 19.

23. Fiċ-ċirkostanzi l-ilment tar-rikorrent hu fieragħ. Hu ċar li bid-digriet li dwarhom ir-rikorrent qiegħed jilmenta, il-Qorti ordnat li jitħallas manteniment għall-iskopijiet li tikkontempla l-liġi stess.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.

Peress li tqis li l-appell hu fieragħ u fil-fehma tal-Qorti sar biss sabiex ir-rikorrent jiggwadanja iktar żmien fil-proċeduri kriminali li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, tikkundannah iħallas lill-intimati l-ispejjeż għal darbtejn.

Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Appell Kriminali li qegħda tisma' l-appelli **Pulizija v. Miguel Degiorgio** sabiex b'hekk tkompli bis-smigħ tal-appelli.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb